Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunalul Argeş — Interpretazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem — Kumpens għal persuni li ġarrbu kundanni ta' natura politika taħt ir-reġim Komunista — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tnaqqas id-dritt għal kumpens għad-dannu morali mġarrab.

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tirrispondi għad-domandi preliminari, magħmula mit-Tribunalul Argeş (ir-Rumanija), permezz tad-deċiżjonijiet tal-4 ta' April 2011 u tal-4 ta' Lulju 2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-15 ta' Diċembru 2011 — Il-Kummissjoni vs Spanja

(Kawża C-560/08)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 85/337/KEE — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Direttiva 92/43/KEE — Konservazzjoni tal-habitats naturali — Proġetti ta' twessigħ u/jew ta' titjib tat-triq M-501 fi Spanja — ŻPS ES0000056 'Encinares del río Alberche y río Cofio' — SIK propost ES3110005 'Cuenca del río Guadarrama' u SIK propost ES3110007 'Cuencas de los ríos Alberche y Cofio'"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Proċedura prekontenzjuża — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tissospendi t-tressiq ta' kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja — Rinunzja għas-setgħa diskrezzjonali ta' tressiq ta' kawża lil din il-qorti — Assenza (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 72)*

2. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Kontenut tal-evalwazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti indiretti u kumulattivi tal-proġett fuq l-ambjent — Assenza — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, Artikoli 2(1), 3, 4(2), 5(1), u Annessi II, III u IV) (ara l-punti 98, 100, 133)*

3. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni — Bidla jew estensjoni tal-proġetti — Inklużjoni (Direttiva tal-Kunsill 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, Artikolu 4(2) u Anness II, punt 13) (ara l-punti 103, 105, 106, 137)*

4. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Obbligu li l-pubbliku jiġi informat b'applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' proġett u tad-disponibbiltà tal-informazzjoni miġbura — Assenza ta' evalwazzjoni tal-effetti ta' proġetti fuq l-ambjent magħmula minn qabel — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, Artikoli 6(2) u 8) (ara l-punti 108, 109 u d-dispożittiv 1)*

5. *Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Obbligu li l-pubbliku jiġi informat bid-deċiżjoni ta' għoti jew ta' rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' twettiq ta' proġett — Pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' impatt ambjentali — Insuffiċjenza — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, Artikolu 9) (ara l-punt 112 u d-dispożittiv 1)*

6. *Ambjent — Konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Direttiva 92/43 — Awtorizzazzjoni ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett — Kundizzjonijiet — Kontroll minn qabel — Evalwazzjoni tal-effetti tal-proġett fuq is-sit — Evalwazzjoni xierqa — Evalwazzjoni li twassal għall-konklużjoni li ma hemmx effetti dannużi għas-sit kollu — Assenza — Nuqqas ta' twettiq ta'*

obbligu (Direttiva tal-Kunsill 92/43, Artikolu 6(3)) (ara l-punti 131, 132, 139 u d-dispożittiv 1)

7. *Ambjent — Konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Direttiva 92/43 — Awtorizzazzjoni minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku kbir għal pjan jew għal proġett fuq sit protett — Kundizzjoni — Identifikazzjoni minn qabel tal-effetti ta' dan il-pjan jew proġett fuq is-sit — Assenza — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 92/43, Artikolu 6(3) u (4)) (ara l-punti 138, 139 u d-dispożittiv 1)*

8. *Ambjent — Konservazzjoni tal-habitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa — Direttiva 92/43 — Awtorizzazzjoni ta' pjan jew ta' proġett fuq sit protett mingħajr ma jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi evitat it-tfixkil intenzjonali tal-ispeċi annimali protetti li jgħixu fis-siti ta' importanza Komunitarja — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 92/43, Artikoli 6(3) u (4), 7 u 12(1)(b) u (d)) (ara l-punti 140-142, 144 u d-dispożittiv 1)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 2(1), 3, 4(1) jew (2), 5, 6(2), 8 u 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248) u tal-Artikolu 6(3) u (4), moqri flimkien mal-Artikoli 7 u 12(1)(b) u (d) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tat-12 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif interpretat mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Jannar 2005, fil-Kawża C-117/03, u tal-14 ta' Settembru 2006, fil-Kawża C-244/05 — Proġetti ta' twessigħ u/jew titjib tat-triq M-501 — ZEP ES 0000056 "Encinares del río Alberche y río Cofio" — SIK propost ES 3110005 "Cuenca del río Guadarrama" u SIK propost ES 3110007 "Cuencas de los ríos Alberche y Cofio".

Dispożittiv

1) Billi ma ssodisfax ir-rekwiżiti previsti:

— fl-Artikoli 2(1), 3, 4(1) jew (2), skont il-każ, u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/35/KE, tas-26 ta' Mejju 2003, f'dak li jikkonċerna l-proġetti separati ta' twessigħ u/jew ta' titjib tas-sezzjonijiet 1, 2 u 4 tat-triq M-501;

— fl-Artikoli 6(2) u 8 tad-Direttiva 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/55, fir-rigward tal-proġetti separati ta' twessigħ u/jew ta' titjib tas-sezzjonijiet 2 u 4 ta' din it-triq;

— fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, f'dak li jikkonċerna l-proġetti separati ta' twessigħ u/jew ta' titjib tas-sezzjonijiet 1, 2 u 4 tal-istess triq;

— fl-Artikolu 6(3) u (4) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, moqri flimkien mal-Artikolu 7 tagħha, f'dak li jikkonċerna l-proġetti separati ta' twessigħ u/jew ta' titjib tas-sezzjonijiet 1, 2 u 4 tat-triq M-501, f'dak li jirrigwarda ż-żona ta' protezzjoni speċjali ES0000056 "Encinares del río Alberche y río Cofio"; u

— fl-Artikolu 12(1)(b) u (d) ta' din l-istess direttiva, f'dak li jikkonċerna l-proġetti separati ta' twessigħ u/jew ta' titjib tas-sezzjoni 1 tat-triq M-501, f'dak li jirrigwarda s-sit ta' importanza Komunitarja propost ES3110005 "Cuenca del río Guadarrama", u tas-sezzjonijiet 2 u 4 tal-istess triq, f'dak li jirrigwarda s-sit ta' importanza Komunitarja propost ES3110007 "Cuencas de los ríos Alberche y Cofio",

ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq.

2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

3) Ir-Repubblika tal-Polonja għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-15 ta' Diċembru 2011 — Il-Kummissjoni vs Franza

(Kawża C-624/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Tassazzjoni — Direttiva 2006/112/KE — Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214 — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-obbligu għall-bejjiegħ jew għall-fornitur stabbilit barra t-territorju nazzjonali li jaħtar rappreżentant fiskali u li jirreġistra għall-VAT f'dak l-Istat Membru — Leġiżlazzjoni li tippermetti tpaċija bejn il-VAT dedużibbli mħallsa mill-bejjiegħ jew mill-fornitur stabbilit barra t-territorju nazzjonali u dik miġbura minnu f'isem u għan-nom tal-klijenti tiegħu"

Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Persuni taxxabbli — Derogi għas-sistema nazzjonali ta' awtolikwidazzjoni — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-obbligu, għall-bejjiegħ jew għall-fornitur stabbilit barra t-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, li jaħtar rappreżentant fiskali u li jirreġistra għat-taxxa fuq il-valur miżjud fl-Istat Membru inkwistjoni — Leġiżlazzjoni li barra minn hekk tawtorizza lill-imsemmi bejjiegħ jew fornitur ipaċi t-taxxa fuq il-valur miżjud dedużibbli mħallsa ma dik miġbura minnu f'isem u għan-nom tal-klijenti tiegħu — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu (Direttiva tal-Kunsill 2006/112, Artikoli 168, 171, 193, 194, 204 u 214) (ara l-punti 39, 42, 46, 50)